MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 902/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Curmi bin Emanuel u Fortunata nee' Mercieca, imwieled fil-21 ta' Novembru, 1952 u residenti fil-fond numru 61,
Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 73252(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Curmi li gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Settembru 2007 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'raba maghrufa bhala ta' Dun Luqa, Sannat, Ghawdex:

1) Ikkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' haddiehor;

2) U aktar talli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil John Curmi minn Sannat fil-pussess ta' hwejgu;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg akkuzi, wahda li kkontempla r-reat tar-"ragion fattasi" u l-ohra dik tal-vjolazzjoni tal-proprjeta'. Illi dawna l-akkuzi nhargu fil-konfront tal-imputat fuq rapport ta' John Curmi li allega li l-imputat nehha katnazz ta' xatba li huwa ghamel sabiex jaghlaq ir-raba tieghu li tinsab fi Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex;

Illi b'dan l-agir ghalhekk John Curmi allega illi l-imputat qabad u ha l-ligi b'idejh billi fetah ix-xatba u ghadda minn fuq ir-raba tal-kwerelant jew parti leza sabiex jaccedi ghal fuq ir-raba tieghu li tinsab tmiss mar-raba tal-istess kwerelant. Illi f'dina l-kawza ngiebu diversi xhieda li whud minnhom jikkontendu illi l-imputat ghandu dritt ta' passagg minn fuq ir-raba ta' John Curmi, filwaqt illi ohrajn jghidu illi lill-imputat qatt ma rawh jghaddi minn hemm;

Madanakollu ma ngiebx xhud wiehed li jghid illi ra lill-imputat jaqla' l-katnazz kif jikkontendi John Curmi. Fil-fatt lanqas John Curmi stess ma ra lill-imputat jaghmel dana;

Illi l-imputat ghalkemm min-naha tieghu jsostni illi ghandu dritt jghaddi minn fuq il-proprjeta' ta' John Curmi, madanakollu jichad illi huwa kisser il-katnazz tax-xatba ta' John Curmi sabiex jaccedi ghar-raba tieghu fil-gurnata indikata fl-akkuza jew f'xi granet qabel. Isostni fix-xhieda

tieghu illi meta ghadda minn fuq dina l-proprjeta’ x-xatba kienet miftuha u ghalhekk dahal;

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi processwali, l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx ippruvati lil ’l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk il-Qorti qed tillibera lill-akkuzat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------